



Pożizzjoni Vakanti: Kap tat-Taqsima tal-Komunikazzjoni u r- Relazzjonijiet Pubbliċi

Unità: L-Unità tal-Kapaċità tas-Saħħa Pubblika u tal- Komunikazzjoni

Referenza: ECDC/AD/2017/PHC-HCCPR

Qed jintlaqgħu applikazzjonijiet għall-kariga ta' Aġent Temporanju msemmija hawn fuq fiċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC).

Deskrizzjoni tal-impjieg

Id-detentur tax-xogħol ser jirrapporta direttament għand il-Kap tal-Unità tal-Kapaċità tas-Saħħa Pubblika u tal-Komunikazzjoni ħlief għall-parir strateġiku fejn hu ser jirrapporta direttament lid-Direttur u ser jaħdem f'kollaborazzjoni mill-qrib ma' kollegi oħrajn fl-unità u fl-ECDC inġenerali.

Hu ser ikun responsabbli b'mod partikolari għall-oqsma ta' ħidma li ġejjin:

- Jipprovdi parir strateġiku fir-rigward tal-komunikazzjoni lid-Direttur tal-ECDC;
- Jimplimenta strateġija ta' komunikazzjoni tal-ECDC inkluża l-midja soċjali;
- Imexxi l-attivitajiet ta' komunikazzjoni esterna ta' kuljum taċ-Ċentru permezz ta' kull kanal ta' komunikazzjoni, fuq il-bażi tal-istrateġija u l-pjanijiet ta' komunikazzjoni annwali miftiehma;
- Jaħdem mill-qrib mad-Direttur u mat-Tim tal-Maniġment Għoli biex jgħin u jtejjeb ir-reputazzjoni tal-ECDC;
- Jipprovdi appoġġ għall-organizzazzjoni, perżempju permezz tal-kampanji Ewropej dwar is-saħħa, b'mod partikolari l-Jiem Ewropej Għas-Sensibilizzazzjoni dwar l-Antibijotiċi;
- Jappoġġja lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri fil-qasam tal-komunikazzjoni tar-riskji u l-kriżijiet fil-kuntest tad-Deċiżjoni 1082/2013/UE dwar theddid transkonfinali serju għas-saħħa;
- Jappoġġja l-bini tal-kapaċità tal-pajjiż f'kollaborazzjoni mill-qrib mas-sħab interni fil-qasam tal-komunikazzjoni tar-riskji, inkluża l-bidla fl-imġiba, b'mod partikolari relatata mal-eżitazzjoni għall-vaċċini u l-użu prudenti tal-antibijotiċi;
- Jimpenja ruħu b'mod proattiv mal-partijiet ikkonċernati tal-komunikazzjoni tal-ECDC u jappoġġja l-iżvilupp 'tal-komunitajiet tal-prattika' fl-oqsma tal-komunikazzjoni;
- Imexxi persunal fit-taqsimha biex il-persunal jilħaq il-miri tiegħu u jimmaniġġja l-implimentazzjoni tal-pjan ta' ħidma u l-baġit tat-taqsimha;

- Jirrappreżenta lill-ECDC f'netwerks u f'laqgħat internazzjonali relatati mal-komunikazzjoni.

Kwalifiki u esperjenzi meħtieġa

A. Rekwiżiti formali

Sabiex tkun kandidat eliġibbli trid tissodisfa sett ta' rekwiżiti formali. Dawn ir-rekwiżiti huma:

- AD 8 Mill-inqas 9 snin ta' esperjenza professjonali¹ (wara l-għoti tad-diploma);
- Għarfien profond ta' waħda mil-lingwi tal-Komunitajiet u għarfien sodisfaċenti ta' lingwa oħra tal-Komunitajiet sal-limitu meħtieġ għat-twettiq tad-dmirijiet tiegħu/tagħha²;
- Nazzjonalità ta' wieħed mill-Istati Membri tal-UE jew tan-Norveġja, tal-Iżlanda jew tal-Liechtenstein;
- Il-kandidat għandu jkun intitolat għad-drittijiet kollha tiegħu bħala ċittadin³;
- Il-kandidat għandu jkun issodisfa l-obbligi kollha imposti mil-liġijiet applikabbli dwar is-servizz militari;
- Għandu jissodisfa r-rekwiżiti tal-karattru għad-dmirijiet involuti; u
- Ikun fiżikament kapaċi li jwettaq id-dmirijiet relatati ma' din il-kariga;

B. Kriterji tal-għażla

Biex kandidat jikkwalifika għal din il-kariga identifikajna *kriterji essenzjali* fir-rigward tal-*esperjenza professjonali* u l-*karatteristiċi personali/filiet interpersonali*. Dawn huma:

Esperjenza/għarfien professjonali:

- Mill-inqas 5 snin esperjenza professjonali miksuba f'karigi rilevanti għad-deskrizzjoni tal-impjieg;
- Għarfien eċċellenti, fehim u esperjenza Prattika fl-użu ta' firxa wiesgħa ta' midja soċjali kemm tradizzjonali u ġdida għal komunikazzjoni effettiva u proattiva;
- Esperjenza fl-iżvilupp u fl-implimentazzjoni ta' strateġiji ta' komunikazzjoni, inkluż biex tiżdied il-viżibbiltà ta' organizzazzjoni;
- Esperjenza ta' twettiq ta' relazzjonijiet tal-midja f'sitwazzjonijiet ta' kriżi / emerġenza;
- Esperjenza fil-maniġment, inklużi kwistjonijiet relatati mal-persunal, ippjanar u kwistjonijiet baġitarji;
- Għarfien eċċellenti tal-Ingliż, kemm miktub kif ukoll mitkellem.

¹ Is-servizz militari obligatorju dejjem jiġi kkunsidrat.

² Barra minn hekk, sabiex ikunu eliġibbli għal promozzjoni permezz ta' eżerċizzju ta' promozzjoni annwali, il-membri tal-persunal għandu jkollhom għarfien operazzjonali ta' tielet lingwa tal-UE, kif deskritt fir-Regolamenti tal-Persunal u r-Regoli ta' Implimentazzjoni applikabbli.

³ Qabel il-ħatra, il-kandidat magħżul sejjer jintalab jipprovdi ċertifikat mill-fajl tal-pulizija biex juri li ma għandux kondotta kriminali.

Karatteristiċi personali/ħiliet interpersonalijiet:

- Ħiliet ta' komunikazzjoni eċċellenti b'kapaċità qawwija biex jinvolvi lil dak li jkun u li jqajjem entużjażmu;
- Livell għoli ta' sensibilizzazzjoni u sensitività politika;
- Ikun proattiv u orjentat lejn l-ilfuq tal-għanijiet;
- Abilità li jikkollabora bħala parti minn tim u li jmexxi, jimmotiva u jżviluppa rapporti diretti u oħrajn;
- Ħiliet organizzazzjonali qawwija, approċċ strutturat għall-kompiti u l-ħila ta' prijoritizzazzjoni;

Identifikajna wkoll esperjenzi u ħiliet li huma ta' vantaġġ għal din il-kariga. Dawn huma:

- Esperjenza fit-tixrid tal-għarfien tal-komunikazzjoni inkluż taħriġ;
- Esperjenza ta' xogħol fil-qasam tas-saħħa pubblika;
- Esperjenza ta' xogħol minn ambjent internazzjonali u multikulturali;
- Esperjenza u għarfien fil-komunikazzjoni tas-saħħa u/jew il-bidla fl-imġiba;
- Esperjenza attestata fl-akkwist pubbliku u fil-ġestjoni tal-kuntratti.

Skont l-għadd ta' applikazzjonijiet li jaslu, il-kumitat tal-għażla jista' japplika rekwiżiti aktar stretti fil-kriterji tal-għażla msemmija qabel.

Ħatra u kundizzjonijiet tal-impjieg

Id-detentur tal-impjieg ser jinħatar abbażi ta' lista qasira proposta mill-Kumitat tal-Għażla lid-Direttur. Dan l-avviż ta' pożizzjoni vakanti huwa l-bażi għall-istabbiliment tal-proposta tal-Kumitat tal-Għażla. Il-kandidati jistgħu jintalbu jagħmlu testijiet bil-miktub. Il-kandidati jenħtieġ li jinnotaw li l-proposta tista' ssir pubblika u li inklużjoni fil-lista qasira ma tiggarrantixxix ir-reklutaġġ. Il-lista qasira ta' kandidati ser tiġi stabbilita wara proċess ta' għażla miftuħa.

Il-kandidat li jintgħażel ser jiġi reklutat bħala Aġent Temporanju, skont l-Artikolu 2f) tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea, għal perjodu ta' ħames snin li jista' jiġġedded. Il-ħatra ser tkun fil-grad AD 8.

L-applikanti għandhom jinnotaw ir-rekwiżit skont ir-regolamenti tal-persunal tal-UE għall-persunal ġdid kollu li għandu jtemm il-perjodu ta' prova b'suċċess.

Għal aktar informazzjoni dwar kundizzjonijiet kuntrattwali u tax-xogħol, jekk jogħġbok irreferi għall-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra tal-Komunitajiet Ewropej, li huma disponibbli fil-link li ġejja:

http://ecdc.europa.eu/en/aboutus/jobs/Documents/Staff_Regulations_2014.pdf

Il-post tal-impjieg se jkun fi Stokkolma, fejn iċ-Ċentru għandu l-attivitajiet tiegħu.

Lista ta' riżerva

Tista' tinħoloq lista ta' riżerva li tintuża għar-reklutaġġ, f'każ li jinqalgħu pożizzjonijiet vakanti simili. Din se tkun valida sal-31 ta' Diċembru tal-istess sena tad-data tal-iskadenza tal-applikazzjoni u tista' tiġi estiża.

Proċedura ta' applikazzjoni

Biex tapplika jekk jogħġbok ibgħat applikazzjoni mimlija lil Recruitment@ecdc.europa.eu fejn fis-suġġett tal-email għandek tindika b'mod ċar ir-referenza tal-pożizzjoni vakanti u kunjomok.

Biex l-applikazzjoni tiegħek tkun valida trid timla t-taqsimiet meħtieġa kollha tal-formola tal-applikazzjoni, li għandha tintbagħat fil-format Word jew PDF u preferibbilment bl-Ingliż⁴. Kwalunkwe applikazzjoni mhux kompluta se titqies bħala mhux valida.

Il-formola ta' applikazzjoni tal-ECDC tista' tinstab fuq is-sit web tagħna hawnhekk: <https://ecdc.europa.eu/en/work-us/vacancies>

Id-data tal-għeluq tas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet u aktar informazzjoni rigward l-istatus ta' din il-proċedura tal-għażla, kif ukoll informazzjoni importanti rigward il-proċess tar-reklutaġġ, hija mniżżla fuq is-sit web tagħna u tista' tinstab bl-użu tal-link ta' hawn fuq.

Minħabba l-volum kbir ta' applikazzjonijiet mibgħuta, se jrin jiġu notifikati biss il-kandidati li jintgħażlu għall-intervisti.

⁴ Dan l-avviż ta' pożizzjoni vakanti ġie tradott fl-24 lingwa uffiċjali kollha tal-UE mill-oriġinal tiegħu bl-Ingliż. Peress li l-lingwa tal-operati ta' kuljum fl-Aġenzija hija ġeneralment l-Ingliż, l-ECDC jippreferi li jirċievi l-applikazzjoni bl-Ingliż.